Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,264, 23 ta' Lulju, 2002
Taqsima B

A.L. 209 ta' l-2002

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA
(KAP. 31)

Regolamenti ta' l-2002 li Jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 li Jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Titolu.

2. It-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, fit-Taqsima B tagħha, minnufih fit-tmiem tagħha għandu jiżdied dan li ġej:- Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mal-Kap. 31.

Isem Internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem Kimiku*
"(ebda isem bħal dak)	2C-B (4-bromo-2,5-dimethoxyphenethylamine)
(ebda isem bħal dak)	4-MTA (α-methyl-4-methylthiophenethylamine)
(ebda isem bħal dak)	GHB (γ-hydroxybutyric acid)".